Kunsill Lokali Safi
40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru hamsa (5/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Hamis 21 ta’ Mejju 2015, fl-4.00pm, fil-Bini Muniċipali ta’ Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Francis Callus | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-Vici Sindku Francis Callus ghamel referenza ghal punt numru 5 u qal illi gie offrut izjed dekasteri izda fil-mumenti illi qieghed, wara l-legislatura tieghu bhala Sindku fejn ghamel sagrificcji tal-familja biex isiru l-affarijiet relatati mal-Kunsill, ghandu jdur l-affarijiet tal-familja. Ghalhekk qal illi hass illi ma setax jiffoka fuq dekasteri ohrajn illi ma tantx jolqtuh u ghalhekk accetta l-anzjani biss. Zied illi ma harisx biex jara kif se jakwista voti fil-futur, izda biss biex jaghti izjed hin lil familja. Is-Sindku rringrazzjah.

**4. Payment Approval Sheet**

4.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar il-pagament li sar ghad-diesel. Is-Segretarju Ezekuttiv u l-Vici Sindku Francis Callus ikkonfermaw illi, bhal ma intqal f'laqghat precedenti, il-haddiema qeghdin juzaw il-vetturi taghhom biex jaghmlu xogholijiet tal-Kunsill u bhala kumpens jiehdu lura d-diesel.

4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ispejjez ghall-kotba se jittiehdu lura minn fondi.

4.3 Il-Payment Approval Sheet ġie approvat u ffirmat.

**5. Korrespondenza**

5.1 **Memo 10/2015** "Restawr tal-postijiet storici": Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi l-Kunsill kien applika ghal permess biex isir xoghol fil-gnien Sir Alexander Ball meta dan gie imsemmi bhala post storiku bil-bzonnijiet ta' restawrazzjoni, izda ma kienx progett vijabbli ghall-post. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dak il-progett kien biex isir zona ta' rekreazzjoni fil-gnien, waqt illi fis-sena 2011 il-Kunsill applika ghall-fondi ghar-restawrazzjoni tal-gnien izda ma ttiehed l-ebda fondi mid-Dipartiment wara l-applikazzjoni.

5.2 **Fondi ghal librerija**: Il-Kunsill accetta li japplika ghal sitt mitt ewro fondi ghall-uzu tal-librerija, fejn il-Kunsill ikun marbut illi jonfoq l-istess ammont mill-allokazzjoni. Il-Vici Sindku Francis Callus issugerixxa li dawn il-fondi jintuzaw ghas-sorveljanza tal-librerija.

5.3 **Science Club**: Is-sinjorina Desiree Scicluna Bugeja {iLearn} baghtet proposta f'isem id-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex isir Science Club fir-rahal. Il-Vici Sindku Francis Callus staqsa jekk se jkun hemm fee. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv qalu li s-sinjorina Scicluna Bugeja kienet giet sal-Kunsill u qalet illi jkun hemm fee ta' madwar 50 u 60 ewro izda ma kienx ikkonfermat. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi n-nies tar-rahal dejjem ikunu ssusidjati u li huma ghandhom jidhlu b'xejn. Is-Sindku Johan Mula qal illi fejn huwa possibbli l-lokali jiehdu sussidju, izda huwa difficli li jippartecipaw b'xejn. Il-Vici Sindku Francis Callus zied illi dejjem sar hekk, waqt illi l-Kunsill kellu jiehu xi haga lura ghall-ispejjez ta' dawl ghall-uzu tas-sala.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi Hal Safi gie maghzul bhala post ghal dan il-progett flimkien ma 2 irhula ohra, u li t-talba ma kinitx bilfors ghall-uzu tas-sala tal-Kunsill imma ghall-post gor-rahal.
Il-Vici Sindku qal illi niddiljaw qabel ma jkun hemm qbil fuq il-proposta. Zied illi dawn it-tfal se jhamgu u b'hekk se jkun hemm problem ghall-cleaner, haga li s-Segretarju Ezekuttiv qal illi tkellmu mas-sinjorina Scicluna fil-laqgha li saret. Is-Sindku zied illi l-ewwel preferenza se tkun ghat-tfal tar-rahal u se jsir "external call" biss wara li nibdew naccettaw tfal lokali. Zied illi avolja jkun hemm spejjez biex isiru attivitajiet simili, ma jixtieqx jaghlaq il-bibien ghal dawn it-tip t'attivitajiet. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jekk in-nies tar-rahal se jibbenifikaw ghandna naraw x'jista jsir u nimxu minn hemm. Fil-principju l-kunsilliera qablu mal-proposta. Ghamlu talba biex jiltaqghu mas-sinjorina Scicluna Bugeja l-ewwel.

5.4 Il-Vici Sindku Francis Callus staqsa rigward l-emajl mid-DLG re "rekords tal-impjegati". Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jibaghtu ghall-updates tas-sejhiet li jsiru fil-Kunsill u l-ismijiet/karigi tal-impjegati tal-Kunsill kollha.

5.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa rigward emajl minn EneMalta {triq il-Kuccard}: Il-Vici Sindku Francis Callus spjega kif fil-legislatura precedenti l-Kunsill applika ghall-bozza fit-triq peress illi kien hemm parti tat-triq fejn ma kienx hemm bizzejjed dawl.

5.6 **Punctures:** Is-Segretarju Ezekuttivipprezenta zewg claims ghall-kumpens re punctures. L-ewwel wiehed sehh f'triq il-Kuccard fejn persuna qed jilmenta li ha puncture grazzi ghal pothole li kien ezistenti fit-triq. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi saret rapport gimaghtejn wara l-incident. Il-persuna maret ghand Transport Malta wara li l-Vici Sindku Francis Callus qal illi t-triq taqa taht TM izda huma qalu li t-triq taqa taht il-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil fil-Kunsill illi din it-triq hija by-pass u by-passes huma r-responsabilita ta' TM. Ghalhekk il-Kunsill m'approvax il-claim ta' kumpens.
It-tieni claim sehh f'triq Birzebugia fejn kienet thaffret trinka u persuna baqa ghaddej u ha puncture. L-istess persuna rega ghada minn hemm ftit wara u rega ha puncture fl-istess tyre. Dan ukoll ghamel rapport tal-pulizija wara gimaghtejn. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi dan il-persuna jaghdi minn hemm maghgel u jekk ma joghgbux it-triq jista juza alternattivi ohra. Zied illi t-triq hija wahda arterjali u ghalhekk dan il-persuna ghandu jfittex lil TM. Fl-istess hin TM qatt ma jinghata l-ewwel layer tarmak fl-area. Il-Kunsill lest jerfa r-responsabilita tat-triq wara li TM jaghmlu t-tarmak. Il-Kunsill ma qabilx illi dan il-persuna jiehu kumpens mill-fondi tal-Kunsill u ghandu jiggieled ma TM.

**6. Tender: Soft Areas u Gonna**

6.1 Is-Sindku qal illi jixtieq illi nohorgu tender ghat-tisbieh/manutenzjoni tas-soft areas u gonna biex ikun hemm landscaping ahjar. Il-Vici Sindku Francis Callus staqsa fejn se jsir dan ix-xoghol. Is-Sindku rrisponda li hemm il-gonna ta' barra l-Kunsill/Dun Karm Vella/ fejn ic-cimiterju, fid-dahla tal-Karwija u fejn kien hemm is-sardinell qabel.
Il-Vici Sindku qal illi mhux vijabli li tizra fejn hemm is-sigar u ma rax ir-raguni ghalfejn hemm bzonn li jsir dan ix-xoghol. Qal ukoll illi ma qabilx illi ghax Kunsilli ohrajn ghandhom kuntratt simili ghandna niehdu l-ezempju taghhom ghalhiex kull Kunsill huwa differenti. Staqsa wkoll illi jekk indahlu consortium, jekk huma se jiehdu hsieb l-ilma wkoll. Is-Sindku rrisponda li iva.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi huwa mportanti li nzommu r-rahal sabih u bhala ezempju semma x-xoghol li sar fejn ic-cimiterju {il-Vici Sindku qal illi kien qed jirreferi attivita ta' Green College Day} u fejn possibli ghandna ntejbu l-landscaping fir-rahal. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qablet mas-suggeriment.
Il-Vici Sindku qabel illi dan ix-xoghol jidher sabih izda ma jhossx illi l-Kunsill ghandu jonfoq flus biex il-Kunsill ikollu fjuri madwar roundabouts. Qal illi m'hemmx ghalfejn naghmlu l-istess xoghol illi qeghdin jaghmlu haddiehor. Fakkar ukoll illi ma sarx drip irrigation fit-triq tal-Karwija u ghalhekk ma sarx dan ix-xoghol ta tisbieh fl-istess area fil-passat.
Il-Kunsill qabel illi jingabru ftit stimi qabel ma ssir it-tender.

**7. Website tal-Kunsill**

7.1 Il-Kunsill qabel fuq il-proposta tas-Sindku biex isir website tal-Kunsill. Dan il-website se jinkludi informazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll database tas-servizzi li jigu offruti.

**8. Bye-laws**

8.1 Is-Sindku ppropona li jsiru postijiet madwar ir-rahal, kif ukoll mal-fence tal-grawnd tal-futbol, fejn jitpoggu riklami biex il-Kunsill ikollu dhul extra. Biex isir hekk hemm bzonn ta' bye-law. Il-kunsilliera qablu mal-proposta.

8.2 Is-Sindku ppropona li jkun hemm sponsor fuq il-flokk tan-nursery u li dan l-isponsor ikollu jhallas ammont fis-sena, flus li ghandhom jintuzaw ghan-Nursery. Il-Vici Sindku ma qabilx mal-proposta ghax

jemmen illi m'hemmx ghalfejn niccapsu bin-Nursery. Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona li nixtru sett gerijiet li jintuzaw ghall-festivals. Il-Vici Sindku qal illi l-arma tan-nursery trid tidher. Ittiehed vot fuq il-proposta tas-Sindku. Il-Vici Sindku Francis Callus ivvota kontra l-proposta. Il-proposta ghaddiet b'4 voti kontra 1.

8.3 Is-Sindku ppropona li tibda tinkera s-sala. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kien gharaf is-Sindku li diga hemm bye-law izda fil-passat il-Kunsill kien ha decizjoni unanima li ma jsirux attivitajiet privat fis-sala tal-Kunsill. Il-kunsillier Pietru Pawl u l-Vici Sindku Francis Callus ikkonfermaw dan. Ziedu li attivitajiet isiru fis-sala biss minghajr kera u ghall-persuni li jaghtu sehemhom lill-Kunsill jew illi jahdmu l-Kunsill. Qalu wkoll illi attivitajiet tal-politika huma projbiti.
Il-proposta m'ghadietx b'3 voti kontra 2.

**9.Stimi {DVD's ghall-awdjovisual}**

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta 2 stimi {xiri ta' DVD box, printing tad-DVD u printing/publish tal-fuljett tad-DVD} li kienu ta 737.50 ewro ghal 8 pagni {Anthony Sultana} u 1400 ewro {Franklin Cachia}. Il-Kunsill qabel illi nuzaw is-servizz tal-irhas wiehed. Is-Segretarju Ezekuttiv zied illi s-sur Sultana qal illi f'kaz illi nuzaw 12pgs l-istima qeghda ta 837.80 ewro.

**10. Hwejjeg Ohra**

10.1 Is-Sindku ppropona li niddiskutu 'hwejjeg ohra' qabel l-End of Season wara li l-kunsillier Joanna Abdilla ghamlet talba biex titlaq mill-laqgha kmieni peress illi kellha fejn tmur {kienet avzat lis-Segretarju Ezekuttiv u lis-Sindku qabel il-laqgha}.

10.2 Il-kunsilliera Joanna Abdilla esprimit ix-xewqa li torganizza attivita fis-sajf bit-tema tas-sahha fejn partecipanti jmorru jimxu kuljum {fil-5.30am u fis-7pm} u attivitajiet ohrajn bhal kickboxing/zumba/abseiling. Qalet illi se jinzamm chart bir-rekords tal-piz tal-individwi biex jiehdu nota tal-progress taghhom. Minn naha tal-Kunsill se jkun hemm bzonn l-approvazzjoni ghall-uzu tas-sala/grawnd darba jew darbtejn fil-gimgha.
Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi se jerga jkollu grupp sportiv u li se jaghtu l-appogg taghhom ghal dawn l-attivitajiet. Is-sinjorina Abdilla qalet illi hi wkoll ghandha sotto-kumitat li se jghinu. Il-grupp se jkun

maghmul minn dawn l-individwi: William Grech, Robert Abdilla, Isabelle Zammit, Claire Peresso, Kimberley Abdilla, Fabrizio Zammit, Alexis Callus, Wayne Axiaq, Mario Martinelli, Charmaine Abdilla, Gilian, Roberta Baldacchino u Maria Cocker. Ma kien hemm l-ebda oggezjoni.

10.3 Il-kunsilliera Joanne Abdilla giet skuzata fis-6pm

10.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ghandu xi jghid rigward id-dekasteri izda se jistenna sal-laqgha li jmiss peress illi s-sinjorina Abdilla ma kinitx prezenti.

10.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm tabella "one-way" fejn l-area Ta Gawhar li saret minn naha ta' TM. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma rcevejna l-ebda talba biex isir xoghol hemmhekk. Is-Sindku qal illi suppost se jaghtu konkos hemm izda sar jaf mhux via l-Kunsill. Xorta wahda hemm bzonn ta' permess ghat-twahhil ta tabella.

10.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm manhole maghluqa f'triq iz-Zurrieq.

10.7 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm kanal miftuh, kantuniera ma blind corner fl-area ta' Gawhar. Il-Vici Sindku qal illi kien sar xoghol hemmhekk biex ibattal l-ghadira. Qal illi xi hadd ha l-ligi f'idejh l-ewwel u ghamel ix-xoghol hu minghajr ma sar it-tarmak.

10.8 Il-kunsillier Carlo Stivala ssugerixxa li ssir double yellow line f'triq San Tumas peress illi m'hemmx bankina. Qal illi qeghdin jipparkjaw vetturi fuq iz-zewg nahat u qed isir perikuluz biex wiehed jimxi jew jghaddi bil-karrozza. Il-Kunsill qabel illi jsiru double yellow lines.

10.9 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi qeghdin isehhu hafna incidenti barra l-Convenience Store u hemm bzonn ta izjed sigurta fl-area.

10.10 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm fejn naghmlu 3 postijiet ta' parkegg godda fejn l-ATM. Ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-proposta.

10.11 Is-Sindku qal illi hemm bzonn ta tinda fejn l-ATM ghax bix-xemx wiehed ma jistax jara l-iscreen sew. Il-Vici Sindku rrisponda li minhabba s-sigurta tal-area l-BOV se joggezzjonaw.

10.12 Is-Sindku rcieva talba mill-Kappillan biex nipprovdu transport ghar-residenti li jixtiequ jmorru jaraw ir-restawr ta’ San Pawl fid-9 ta’ Gunju. Ma sab l-ebda oggezzjoni.

10.13 Is-Sindku qal illi hemm min qed iwaddab l-imbarazz fis-shaft tal-latrini. Issugerixxa li naghlqu t-twieqi. Il-Vici Sindku qal illi mhix soluzzjoni u jkun hemm problema ta’ ventilazzjoni bis-suggeriment tas-Sindku. Qal illi ghandhom isiru loovers li jissakru. Il-kunsilliera prezenti qablu mas-suggeriment.

10.14 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nxtara drillier ghall-prezz ta’ 615 ewro ghax kien necessarju biex il-haddiema tal-IPSL ikunu jistaw jahdmu. Il-Kunsill qabel.

10.15 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu u s-Sindku se jiehdu sehem f’seminars f’Oslo bejn il-25 u d-29 ta’ Mejju taht l-iskema tan-Norway Grants. Zied illi sfortunatament kien hemm grajjiet negative minhabba dan kollu u f’isem id-Dipartiment u l-Kunsill skuza ruhu mas-sur Francis Callus li kien attenda seminars taht l-iskema fil-passat. Il-Vici Sindku qal illi ma qabilx mal-mod kif hadmu fuq il-progett u qal illi jhoss illi t-tort gej mid-DLG u xtaq spejgazzjoni ghalfejn ma setax jattendi hu meta kien hemm kunsilli ohrajn fejn kunsilliera kienu sejrin u mhux is-Sindki. Is-Segretarju Ezekuttiv gharaf lill-kunsill li l-invit kien ghas-Segretarji Ezekuttivi u Sindki {fl-24 t’April} u meta staqsa lil min kellu jghid peress illi kienu hargu r-rizultati tal-vot, id-DLG qalu li s-Sindku l-gdid kellu jitla u f’kaz illi ma jistax jibghat xi hadd minfloku.

**11. End of Season**

11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li l-End of Season se ssir fil-5 ta’ Gunju fis-7pm. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghax xiri tal-inbid/pizza/tokens.

**12. Kuntratt tal-istreet lighting {Kumitat Kongunt}**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif iltaqa mas-Segretarji ohra tal-Kumitat, kif ukoll mas-Sindku taz-Zejtun u ma rapprezentant Nexos Str. Lighting li kien l-uniku tenderer li esprima interess. Waqt il-laqgha Nexos Str. Lighting accettaw li nzommu l-ispecs tal-kuntratt il-gdid bl-ispejjez tat-tender antik hlief fejn jidhlu calls. Fit-tender kien hemm miktub li ghal prezz ta 19.80 ewro kull call tirkopri sitt bozoz fl-istess area izda fil-laqgha gie deciz illi ghall-istess prezz jinbidlu biss 3 bozoz.

Il-Kunsill qabel bil-kundizzjonijiet il-godda izda s-Segretarju Ezekuttiv qal illi, flimkien ma Segretarju Ezekuttiv iehor, jixtieq ikun cert illi din id-decizjoni qed tittiehed skond il-ligijiet biex nevitaw problem ta' trasparenza.

13. **Laqgħa li jmiss**

13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7pm.

13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fil-15 ta'Gunju 2015.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Johan Mula | Anthony Attard |